# BL-IRĦIS

# VINCENT VELLA

Audrey Borg u Marquita Galea
St.Francis, Tas-Sliema

# Vincent Vella



- Direttur tal-Foundation Studies u

għalliem tal-lingwa Ingliża fl-Università ta' Malta.

- Għallem il-Pedagoġija fl-Università ta' Malta u organizza korsijiet ta' taħriġ għall-għalliema.
- Kittieb ta' bosta stejjer qosra.
- Xi xogħlijiet tiegħu ġew ippremjati kemm lokalment  kif ukoll barra minn xtutna.
- Fost dawn is-suċċessi nsibu l-premju mill-BBC World Service Radio Competition fl-1999 u fl-2005.
- Fl-2013 rebaħ ukoll il- 'Premju Francis Ebejer' bil-kitba 'Fuq il-Bjut'.

# It-Titlu : Bl-Irħis

- It-titlu qasir u konċiż li jirreferi għall-pagi tal-ħaddiema.
- Għall-imgħallem l- "irħis" ifisser ukoll li dawn il-ħaddiema huma bla dinjità u ma jixirqilhomx aħjar. Ir-refuġjati la għandhom identità u lanqas drittijiet.



# INTRODUZZJONI –
# L-istudenti jiddiskutu dan il-filmat.

- http://www.youtube.com/watch?v=JvLPiXqT4zM

# L-ISTIL TAL-KITBA



- Ġeneru li jixbah ir-rapport.
- L-awtur jibda billi jikteb minnufih isem il-post fejn seħħew dawn il-fatti: Malta.
- Dan biex jurina li ma nistgħux nibqgħu ninħbew wara subgħajna u nagħlqu għajnejna quddiem dawn l-inġustizzji.
- L-awtur jiddiskuti problema attwali f'pajjiżna u għalhekk din il-kitba nistgħu nsejħulha soċjorealistika.
- Għalkemm ir-rakkont miktub fit-tielet persuna, aħna nidħlu f'moħħ Fajsal u nifhmu aktar l-emozzjonijiet tiegħu.

# IL-KONTENUT

- Fajsal kien qed jaħdem fuq sit ta' kostruzzjoni u nnota bosta ħwejjeġ li xejn m'għoġbuh:
- Ħares lejn sħabu l-ħaddiema li bħalu kienu kollha barranin wisq probabbli immigranti.
- L-għoxrin appartament kienu kważi tlestew.
- Jisma' lill-imgħallem "jiċċaċċra" max-xufiera. Din il-ħaġa xejn m'għoġbitu għax is-soltu l-imgħallem kien ikun bin-nervi meta jkun se jħallas il-pagi.



# Il-Kontenut

- Kablan, Tuneżin ta' Gabes kien ir-raġel li l-imgħallem kien poġġieh fuq il-ħaddiema l-oħra. Hu kien  jgħajjarhom "biex idaħħaq lix-xufiera".
- Ta' min jinnota wkoll li bejn il-ħaddiema m'hemmx relazzjoni ta' kollegi – fil-fatt jirreferu għal xulxin permezz tan-nazzjonalità tagħhom.
- F'daqqa waħda Fajsal jisma' xi għajjat, feġġ Kablan ixejjer idejh u raw lill-pulizija. L-immigranti ħarbu billi qabżu l-ħitan tas-sejjieħ.





# KONKLUŻJONI

Fajsal mar lura f'Buġibba  rrassenjat li kien reġa' tilef  ġimgħa paga.

Qalbu kienet maqsuma għax kellu jkun wieħed minn sħabu li jidħaq bihom.

# L-Istil

- Stil narrattiv u deskrittiv
- Kitba mimlija Malti idjomatiku
- Lessiku li juri tbatija: "qsim id-dahar"
-  "mesaħ l-għaraq"
- "riġlejh midfunin fir-raħal"
- "ħamrija tikwi"
- Lessiku u ton ta' rassenjazzjoni " gozz fuq ġenbejh"
- Sentenzi qosra meta jiddeskrivi l-ħarba.
- Sens kumulattiv: paragrafu wara ieħor il-ħsieb ta' Fajsal x'jista' jiġri jiċċara.

# IL-KARATTRI



- FAJSAL
- Immigrant bieżel li kien qed jaħdem

biex jipprova jaqla' lira biex imur Sqallija.

- Onest
- Fqir – deskrizzjoni tal-ambjent fejn kien jgħix u jorqod , jinsa l-qorq.
- Ma kienx jaf skola – "jgħodd fuq subgħajh" iżda kien intelliġenti għax innota li kien hemm xi ħaġa li mhux qed iddoqq.
- Fl-aħħar jirrassenja ruħu u jfittex kenn taħt il-liżar. Hu jħossu dgħajjef għax ma jista' jagħmel xejn.



# KABLAN

- Raġel twil Tuneżin minn Gabes
- Kien bniedem ardit li ma jirrispettax lil sħabu – jumiljahom u jidħaq bihom.
- Traditur

# KUNTRAST FIL-KARATTRI

KARATTRI

FAJSAL

bieżel u onest

KABLAN

ardit u traditur

L-IMGĦALLEM

Dak li jabbuża

# TERMINI LETTERARJI



**Asindeto**:

"kien jaħdem ħafi, b'riġejh midfunin fir-ramel abjad."

**Similitudni:**

"donnu li mal-flus tal-pagi kienet toħroġlu ruħu"

"donnu xi ors imħeddel bis-sħana"

- **Eliżjoni**:
- "m'ogħl' hawn"
- **Alliterazzjoni:**
- "jaħlef u joffendihom"
- "ftit feġġ"
- "tikwi u t-tingiż"
- **Ironija:**
- "toħroġlu ruħu"
- **Mistoqsijiet Rettoriċi**
- "Tgħid minnu li l-pulizija rrejdjaw il-blokk? Min jaf?"

# It-Temi

- L-emarġinazzjoni
  - (bħal Refuġjata, Aqrali xi Ħaġa Ġdida, Qaltilha, Ċensina, Il-Koranta)
- It-Tbatija, is-Solitudni u l-Inġustizzja
  - (Il-Koranta, Refuġjata, Ċensina)
- Nuqqas ta' rispett tradiment u abbuż mill-poter
  - (Aqta' Fjura u Ibni Kamra)
- Mibnija fuq il-Kuntrasti
  - (Ittri lil Marta)